**Mal-bidu tal-ġurnata**

Mal-bidu tal-ġurnata
Jien qomt nitlob għalik,
Lill-Mulej tajtek biex Hu
b'imħabbtu iqawwik.

Huwa hu li jmexxina
Jagħtina bosta kuraġġ,
Biex il-problemi tagħna
Jimlina bil-faraġ.

Għalhekk tajjeb li naħsbu
Fih, il-veru Sultan,
Għax min jittrakka miegħu
Għid li se jkun ferħan.

Lilu nsibu fil-maltemp
U fl-eħrex tbatija,
Mela ejjew nafdaw fih
Għax din hi tgawdija.

Araw min m'għandux tama
Miskin kif qiegħed jgħix,
Inqiegħdu lkoll ħajjitna
F'idejn Kristu ha tgħix.

Hekk mewġa wara l-oħra
Ħajjitna dritt tgħaddi,
Ħalli fis-sliem lkoll ngħixu
Qabel 'ż-żmien jiskadi.

Fuq friexek kif tqum itlob:
"Mulej, f'dil-ġurnata,
Nitolbok biex tħarisni
Minn kull battikata".

Patri Mario Attard OFM Cap
12 ta’ Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.